GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tat-tnejn u sittin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 29 ta' Settembru 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.40 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 61**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** L-Agent S.E. informa li ghalkemm kien kiteb lid-Dipt. kif approvat fl-ahhar laqgha u intbghatet anke *reminder*, sa llum ma konniex ircivejna risposta.

**3.2** ***Para 3.2 – Torri tas-Semaforu :*** Is-Sindku nforma li konna ghadna qed insegwu mal-MEPA l-ahhar zviluppi dwar is-sitwazzjoni tal-permess u l-ahhar informazzjoni li ghandna hija li l-applikazzjoni qieghda ghand il-*case officer*.

**3.3** ***Para 3.3 – Triq Santa Katerina:*** Is-Sindku informa x-xoghol fuq it-triq kien miexi kif ippjanat pero kellhom isiru ukoll xi xoghlijiet privati peress li kien xi residenti li iddecidew li jaghmlu s-servizz tad-drenagg. Gie unanimament deciz li jsir *culvert* sabiex jilqa l-ilma tax-xita f'parti tat-triq fejn is-soltu jzomm l-ilma. Ix-xoghol fuq Triq Santa Katerina hu mahsub li jitlesta kollu sat-12 t'Ottubru 2009.

Is-Sindku spjega li resident li ghandu d-dar tieghu fi trejqa fi Triq Santa Katerina kien talab li t-trejqa tinkesa ukoll bit-tarmak. Is-Sindku kien infurmah li l-Kunsill ma kienx f'posizzjoni finanzjarja li jilqa t-talba tieghu u ghalhekk ir-resident offra li jiksi t-trejqa bit-tarmak u jhallas hu ta' l-ispejjez involuti. Il-Kunsill unanimament approva dan kif ukoll qabel li jekk ikun hemm residenti ohra li joqghodu f'xi wahda mit-trejqat li jinfdu fi Triq Santa Katerina u jixtiequ li jiksu t-trejqa bit-tarmak huma ukoll jistghu jipprocedu u jiftehmu mal-kuntrattur kif ghamel dan ir-resident.

L-Agent S.E. ipprezenta korrispondenza minn resident li joqghod fi Triq Santa Katerina li qed jallega li saret xi hsara fil-propjeta tieghu waqt li kienu ghaddejjin ix-

xoghlijiet. Il-Kunsill innota li dan ir-resident ma kienx spejga ezatt il-hsara li allegatament saret, ma kienx ipprezenta stima tal-hsara u lanqas ma ghamel talba formali sabiex jithallsu xi danni. Gie unanimament deciz li nkomplu nsegwu l-izviluppi fuq dan il-kaz u kontinwament inzommu l-kuntrattur infurmat. Jista jkun li sadanittant il-kuntrattur kien irremedja ghaliex ir-resident kien diga kellmu direttament.

Is-Sindku nforma kienu diga dahlu talbiet sabiex fit-triq isiru *traffic calming measures.* Gie unanimament deciz li dawn it-talbiet jigu kkunsidrati ladarba jitlestew ix-xoghlijiet.

3.4 ***Para 3.4 – Fanali Dekorattivi:*** Gie unanimament deciz li nkomplu nippruvaw insibu kuntrattur sabiex jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fuq il-fanali dekorattiv meta jkun hemm bzonn.

3.5 ***Para 3.7 – Organizzazjoni ta'Attivitajiet:*** Is-Sindku nforma li l-Kunsill seta biss jaghmel applikazzjoni wahda u din kienet dwar l-erbgha mixjiet.

3.6 ***Para 3.10 – Tabella fi Pjazza tad-Dejma:*** L-Agent S.E. informa li t-tabella kienet ghadha ma gietx irritornata minghand il-Koptasin u li malli din tasal ghandha tehel mill-ewwel.

3.7 ***Para 3.11 – Kotba – Librerija Lokali*** : L-Agent S.E. li l-istimi kienu gew mghoddija lis-Sotto Kumitat ta' l-Edukazzjoni li kien ser jiehu hsieb jaghzel il-kotba li hemm bzonn li jinxtraw.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-7:00 p.m.***

3.8 ***Para 3.12 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart :*** Is-Sindku nforma li waqt laqgha li ghaliha kien attenda l-Kunsillier A. Muscat, konna gejna nfurmati li l-prezz sabiex l-iskart jigi depozitat fil-*landfill* kien ser joghla ghal €20 it-tunnellata liema ammont kien ser jigi rifondut lill-Kunsill mill-Gvern Centrali. Il-Kunsill iddiskuta l-kuntratt il-gdid ghall-gbir tal-iskart u gie unanimament deciz li fuq bazi ta' prova ghal perjodu ta' 6 xhur minn meta jibda l-kuntratt il-gdid tal-gbir tal-iskart nhar ta' Tlieta jibda jingabar biss l-iskart separat mir-residenzi u ma jsirx gbir ta' skart organiku mhallat. Bil-ghan li r-residenti jkunu mhegga sabiex jisseparaw aktar l-iskart fid-djar, gie unanimament deciz li l-Kunsill Lokali jixtri u jqassam f'kull residenza pakkett ta' 10 boroz li fihom jinterfa l-iskart separat.

3.9 ***Para 3.13*** **– Kampanja ta' Tindif *:*** Giet unanimament approvata l-istima ta' € 140 + VAT minghand Rightprint ghall-istampar ta' fuljett dwar l-importanza tas-separazzjoni ta' l-iskart u edukazzjoni dwar il-gbir tal-hmieg tal-klieb u z-zwiemel. Dan il-fuljett ser jitqassam f'kull residenza.

3.10 ***Para 3.17*** **– Ftuh Ufficcju tal-Kunsill is-Sibt : –** L-Agent S.E. informa li skond cirkulari mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali, l-ufficcju tal-Kunsill ser jibda jiftah kull nhar ta' Sibt fil-ghodu minn nhar is-Sibt 17 t'Ottubru il-quddiem.

3.11 ***Para 3.20*** **– Ftuh tal-Librerija s-Sibtijiet*:*** Is-Sindku nforma li wara korrispondenza bejn il-Kunsill u d-Dipt. ta' l-Edukazzjoni, kien intlahaq ftehim accettabbli ghaz-

zewg nahat fejn kull nhar ta' Gimgha, l-Kunsill jigbor ic-cwievet tal-bieb principali ta' l-iskola sabiex is-Sibt ikun jista jiftah il-bini. Dawn ic-cwievet jigu impustata fil-*letterbox* ta' l-iskola mill-librara s-Sibt wara li tinghalaq il-librerija.

L-Agent S.E. informa li huwa kien tkellem mal-librara dwar dan l-arrangament u din infurmatu li minhabba mpenji ohra, ma kienx ser ikun possibbli ghaliha li tiftah nhar ta' Sibt. Il-Kunsill, filwaqt li rega ikkonferma l-intenzjoni tieghu li jibda jiftah il-librerija kull nhar ta' Sibt fil-ghodu sabiex joffri servizz ahjar lir-residenti, iddecieda unanimament li jkellem id-Dipt. tal-Libreriji sabiex jiggwidawna kif ser nipprocedu fic-cirkostanzi prezenti.

**3.12** ***Para 5.4 – Patching* Estensiv**: L-Agent S.E. informa li d-Dipt. tad-Distretti kien accetta li jaghmel dan ix-xoghol u li kienet inharget *Works Order* f'dan is-sens. Il-materjal ser jinxtara minghand Bitmac Ltd.

**3.13** **Para 5.6 – Bini ta' hajt perikoluz fi Triq San Bartilmew :** L-Agent S.E. informa li d-Dipt. tad-Distretti kien infurmana li ma kienx possibbli ghalih li jirranga dan il-hajt u fic-cirkostanzi u minhabba l-periklu li dan il-hajt qieghed jikkawza, gie deciz li ssir talba lill-Onor. Ministru G. Pullicino sabiex jintervjeni hu sabiex il-hajt jinbena mill-haddiema tad-Dipt. tad-Distretti. Gie unanimament deciz ukoll li jekk ma jinkisibx progress jitqabbu l-haddiema *attached* mal-Kunsill sabiex jippruvaw jibnu dan il-hajt.

**3.14** **Para 6.5 – Laqgha ghar-residenti mill-Progett *Leader* :** Is-Sindku nforma lill-membri li l-laqgha mar-residenti Gharghurin kienet ser issir fid-9 ta' Novembru 2009. Il-Majjistral Action Group kien ser jiehu hsieb jibghat avviz f'kull residenza.

**3.15** **Para 6.7 – *Photovoltaic Panels* :** Il-Vici Sindku nforma li huwa flimkien ma' l-Agent S.E. kienu marru Ghawdex u iffirmaw il-ftehim li bih il-Kunsill ser jinghata ghotja ta' flus sabiex ikun jista jinstalla dawn il-pannelli fuq il-bejt tal-Kunsill. Gie unanimament deciz li dawn isiru fejn jindikalna li jkun l-ahjar post il-kuntrattur li qed jiehu hsieb dan ix-xoghol.

**3.16** **Para 6.8 – Skema Xoghol fil-Komunita :** L-Agent S.E. informa li l-haddiema taht din l-iskema kien beda l-hidma tieghu aktar kmieni dan ix-xahar u li sa issa kien mixi kollox sew.

**3.17** **Para 7.5 – Kors tal-*First Aid* :** L-Agent S.E.ipprezenta l-istimi li konna gibna sabiex jigu organizzati dawn il-korsijiet. Gie deciz li tinghazel l-offerta tas-*St. John Ambulance* peress li l-kors taghhom huwa mqassam ahjar u jinghataw iktar sieghat ta' taghlim. Gie unanimament deciz li l-Kunsill joffri dan il-kors ghall-prezz sussidjat ta' €23 u li l-Agent S.E. johrog avvizi lir-residenti.

**3.18** **Para 7.6 – Devoluzzjoni Xelter : -** Il-Kunsillier P. Fenech informa li kien qed isegwi din it-talba mad-Dipt. ta' l-Artijiet pero sa issa ma kien hemm l-ebda zvilupp gdid.

**3.19** **Para 7.7 – Harga Kulturali :** Il-Kunsillier P. Fenech informa li din kienet saret il-bierah u kienet success fejn dawk li attendew hadu gost.

**3.20** **Para 7.9 – Tilqim ghall-Influenza:** - L-Agent S.E. informa li kienu nkitbu 231 persuna sabiex jinghataw din it-tilqima b'xejn. Huwa qal ukoll li din is-sena din kienet ser tinghata mis-Sur Mark Pullicino. Il-Kunsill unanimament irringrazzja lis-Sur Pullicino.

**4** **Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sa llum. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti kollha. Gie unanimament ratifikat ukoll il-hlas ta' € 20 li thallsu lis-Sur Victor Caruana ghax-xiri ta' ritratti.

**5** **Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Talba sabiex jerga jinbena hajt tas-sejjieh fi Triq l-Isqof Gargallo li waqa dan l-ahhar. Gie unanimament deciz li dan ix-xoghol isir mill-haddiema tal-Kunsill.

**5.2** Talba sabiex jehlu diversi recipjenti ta' l-iskart fosthom anke ghall-iskart tal-klieb f'diversi nhawi tar-rahal fosthom fi Triq Stiefnu Zerafa u Vjal ir-Repubblika. Din it-talba unanimament ma gietx milqghuha peress li hadd mir-residenti ma jrid recipjenti ta' l-iskart wara biebu u hafna minn dawk li konna wehhilna originarjament kellhom jinqalghu wara lmenti mir-residenti.

**5.3** Talba sabiex isir *culvert* fi Triq Naxxar. Din it-talba ma gietx milqghuha peress li l-Kunsill unanimament ihoss li dan l-ilment mhux gustifikat.

**5.4** Talba sabiex tigi eliminata problema ta' ilma tax-xita li allegatament qed joqghod quddiem residenza privata fi Triq il-Gdida. Gie unanimament deciz li qabel tittiehed decizjoni, dan l-ilment ghandu l-ewwel jigi investigat.

**5.5** Talba minghand sid ta' hanut tal-haxix fi Triq Mons. L. Catania sabiex issir *Loading / Unloading Bay* vicin il-hanut tieghu. Gie unanimament deciz li din it-talba tigi riferuta lill-ADT. Gie deciz ukoll li nitolbu gwida minghand l-ADT dwar *Loading / Unloading Bays* quddiem il-hwienet.

**5.6** Ilment dwar hajt li allegatament inbena bla permess fuq art pubblika fi Triq l-Indipendenza. Dan l-ilment diga gie riferut lill-MEPA izda sa llum ghadna qed nistennew risposta. Il-Kunsill innotat ukoll li l-hajt aktarx hu mibni fuq propjeta privata u mhux fuq art pubblika kif gie allegat f'ilment.

**5.7** Ilment minn xi residenti li joqghodu fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki dwar l-allegat ghoti tal-*ground* tal-*football* li hemm fl-istess area lil terzi persuni. Gie unanimament deciz li nitolbu lid-Dipt. ta' l-Artijiet spjega dwar dan kif ukoll noggezzjonaw formalment jekk jirrizulta li saret devoluzzjoni ta' din l-art lil terzi persuni.

***Il-Kunsillier M.Mifsud halla l-laqgha fit-8:30 pm minhabba mpenji ohra.***

**5.8** Talba ghal 12-il jarda konkos sabiex titwitta parti minn Triq Ghaxqet l-Ghajn wara li

Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

nbena hajt gdid tal-genb tat-triq. Gie unanimament deciz li ssir zjara fuq il-post mill-Kunsill u jekk jinstab li din it-talba hi gustifikata din tintlaqgha.

**5.9** Ilmenti dwar zvilupp li qed isir fi Triq Kromb il-Bahar. Il-Kunsill innota li dwar dan kien diga sar rapport lill-MEPA u saret ukoll *site visit* minn ufficcjali mill-MEPA. Gie innotat li l-izvilupp li qed isir hu aktar minn sempliciment bini ta' hitan tas-sejjieh. Gie unanimament deciz li nitolbu lill-MEPA sabiex terga issir spezzjoni ohra.

**5.10** Talba ghal *patching* u tindif tal-*culverts* ta' Triq tal-Ferha u *patching* fi Triq Ghaxqet l-Ghajn. Il-Kunsill unanimament approva dawn it-talbiet u gie deciz li x-xoghol isir mid-Dipt. tad-Distretti.

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata

**6.2** Memo 52/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Skema dwar Inizzjattivi Sportivi – 2010.

Gie suggerit li nippruva naraw jekk nistghux nisponsorjaw il-hlas ta' coach sabiex titwaqqaf futbol *nursery*. Gie deciz li l-Vici-Sindku jitkellem mal-klabb tal-futbol dwar dawn filwaqt li l-Agent S.E. jiccekkja dwar l-iskema.

**6.3** Memo 53/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar il-Ftuh ta' l-Ufficini tal-Kunsill is-Sibtijiet.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Memo 54/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Attivitajiet mill-Kunsilli Lokali.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.5** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar il-Patt tas-Sindki.

Din il-korrispondenza giet innotata u s-Sindku nforma li l-iffirmar ufficcjali ta' dan il-Patt aktarx li jsir kmieni s-sena diehla.

**6.6** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar l-elezzjoni ghall-Ezekuttiv ta' l-AKLM li ser issir is-Sibt 10 t' Ottubru.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.7** Korrispondenza minghand is-Sur Victor Rizzo tinfurmana li l-ktieb dwar l-Erbgha mixjiet mar-rahal ghandu jkun ghandna sa l-ahhar ta' din il-gimgha.

Din il-korrispondenza giet innotata. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jorganizza konferenza stampa sabiex fost l-ohrajn ihabbar il-pubblikazzjoni tal-ktieb li ser jitqassam lir-residenti. Gie unanimament deciz li ghal din il-konferenza stampa jigi

mistieden l-Onor Seg. Parl. Dr. Chris Said.

Gie unanimament deciz ukoll li kopji tal-ktieb jitpoggew fil-librerija pubblika tar-rahal u fil-librerija nazzjonali.

**6.8** Korrispondenza minghand id-Dipt. ta' l-Indafa Pubblika fejn gejna nfurmati li d-Dipt. kien qed jitlob zieda sostanzjali ta madwar € 9,000 sabiex igedded dan il-kuntratt tat-tindif tat-toroq u l-ammont mitlub huwa ta' € 18,674.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jitlob spjega minghand id-Dipartment sabiex jiggustifika z-zieda mitluba specjalment meta l-Kunsill talab sempliciment tigdid tal-kuntratt ezistenti minghajr ebda zieda fil-frekwenza jew volum ta' servizz. Gie innotat ukoll li t-talba tad-Dipartiment hi ferm aktar mill-ammont li l-Gvern Centrali jghaddi lill-Kunsill ghat-tindif tat-toroq.

**6.9** Korrispondenza minghand in-Northern Cleaners Co-Op fejn gejna nfurmati li l-Koperattiva ma kienitx ser tibqa toffri s-servizz wara t-30 ta' Settembru u li sas-16 t' Ottubru dan kien ser jigi pprovdut fuq bazi personali minn wiehed mill-membri ta' din il-koperattiva.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill ghandu johrog it-*tender* ghal dan is-servizz kemm jista jkun malajr.

**6.10** Korrispondenza minghand il-Wastserv Malta Ltd. dwar x'materjal jista jidhol fil-*Landfil* li jkun gej mis-servizz tal-gbir tal-*Bulky Refuse*.

Din il-korrispondenza giet innotata.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Is-Sindku nforma li l-Kunsill Lokali Gharghur kien kiseb rizultati posittivi hafna fl-ispezzjonijiet li saru mill-*Field Services Branch* fi hdan id-Dipt. ghall-Gvern Lokali specjalment fir-rigward ta' l-ghamara tal-gonna u li kumplessivament konna gejna ikklassifikati fit-3 post mill-Kunsill Lokali kollha li gew spezzjonati. Il-Kunsill wera sodisfazzjon ghal dan ir-rizultat miksub u gie deciz li ninfurmaw lir-residenti b'dan ir-rizultat.

**7.2** Is-Sindku ta dettalji ta' laqgha li kellu flimkien ma Sindki ohra ma' l-E.T. il-President tar-Repubblika Dr. George Abela. Huwa qal li fost l-ohrajn il-President kien informa lil dawk prezenti li hija l-intenzjoni tieghu li matul il-5 snin ta' Presidenza huwa jzur il-lokalitajiet kollha fuq zjara ufficcjali.

**7.3** Gie unanimament deciz li l-Kunsill jilqa t-talba sabiex jigu pprovduti 6 *covers* ghat-toqob ta' l-arbli tal-festa u hekk kif nircievu talba formali minghand il-Kapillan dawn jinxtraw.

**7.4** Giet unanimament approvata l-istima ta' *La Colomba Flag Makers* sabiex issir bandiera ghall-istandard li sar dan l-ahhar.

**7.5** Gew ipprezentati u approvati l-*Management Accounts* ghal Gunju 2009 wara li dawn

Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

gew spjegati fid-dettal mis-Sindku.

**7.6** Il-Kunsill unanimament iddecieda li tingib stima sabiex issir l-ahhar kisja tarmak fi Triq Zaghruna.

**7.7** Il-Kunsill unanimament iddecieda li jikteb lill-Kapillan u jheggu sabiex jibda kemm jista jkun malajr il-bini tal-kamra fil-Pjazza li fiha l-Bank of Valletta plc ser jinstalla l-ATM. Dan sabiex ir-residenti jkollhom is-servizz ta' l-ATM minghajr aktar dewmien.

**7.8** Il-Kunsill unanimament iddecieda li jordna tabelli godda li juru l-hinijiet tal-ftuh ta' l-ufficcju tal-Kunsill, tal-librerija pubblika u ta' Gnien il-Paci.

**7.9** Il-Kunsill unanimament iddecieda li jixtraw *safety shoes u high visibility* jackets lill-haddiema *attached* mal-Kunsill Lokali.

***Il-laqgha ntemmet fid-9.15 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghall-Hamis 15 t' Ottubru 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **15 t' Ottubru 2009** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |